**Appell ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2011 minn XXXLutz Marken GmbH kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 fil-Kawża T-54/09 — XXXLLutz Marken GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni); parti oħra fil-proċeduri: Natura Selection S.L.**

**(Kawża C-306/11 P)**

(2011/C 238/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* XXXLutz Marken GmbH (rappreżentant: H. Pannen, avukat)

Partijiet oħra fil-proċeduri:

— L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

— Natura Selection S.L.

**Talbiet tal-appellanti**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja ([1]) billi sostniet li kien hemm xebh bejn is-sinjali "Linea Natura hat immer Stil" u "natura selection" sempliċement abbażi tal-element verbali "natura" li huwa inkluż fiż-żewġ sinjali. Madankollu, dan l-element verbali ma huwiex element dominanti fit-trade mark preċedenti.

Fl-evalwazzjoni tagħha tax-xebh bejn is-sinjali, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq premessa ta' komprensjoni legalment żbaljata tal-kunċetti ta' "karattru distintiv" u ta' "karattru deskrittiv".

Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali rigward ix-xebh tas-sinjali huma kontradittorji u f'dan ir-rigward, huma nieqsa minn motivazzjoni.

Barra minn dan, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti meta tat deċiżjoni dwar is-sentenza appellata. Kuntrarjament għall-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, l-appellanti stabbilixxiet, kemm fil-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-Bord tal-Appell, kif ukoll fir-rikors tagħha, li hemm relazzjoni bejn il-prodotti inkwisjtoni u l-element verbali "natura".

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2011 mill-Kummissjoni Ewropea kontra d-digriet tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' April 2011 fil-Kawża T-320/09, Planet AE vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-314/11 P)**

(2011/C 238/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u D. Triantafyllou)

*Parti oħra fil-proċedura:* Planet AE

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' April 2011 fil-Kawża T-320/09;

— tiddikkjara r-rikors inammissibbli;

— tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

— Interpretazzjoni żbaljata tad-Deċiżjoni 2008/969

It-tip ta' reġistrazzjoni li kienet is-suġġett tagħha l-appellata fl-EWS, li (kuntrarjament għal reġistrazzjonijiet oħrajn) hija bbażata fuq sempliċi suspetti, tista' timplika biss it-tisħiħ tal-miżuri ta' sorveljanza (Artikolu 16 tad-deċiżjoni), li ma jipproduċux effetti vinkolanti fir-rigward tal-appellata. Id-digriet jikkonfondi, b'mod żbaljat, ir-reġistrazzjonijiet ikkontestati ma' tipi oħra ta' reġistrazzjonijiet li għandhom konsegwenzi distinti.

— bidla mhux sostanzjali tas-sitwazzjoni legali tal-appellata minħabba r-reġistrazzjonijiet ikkontestati

Is-sorveljanza biss tal-entità li hija s-suġġett ta' reġistrazzjoni ma tbiddilx manifestament, fiha nfisha, is-sitwazzjoni legali tagħha.

— L-appellata ma hijiex direttament milquta mir-reġistrazzjonijiet ikkontestati.

Il-miżuri kollha adottati ġew deċiżi mill-uffiċjal responsabbli wara konsultazzjoni u negozjati mal-appellata u mal-bank tagħha. Dawn ma jikkostitwixxux effett dirett u awtomatiku tar-reġistrazzjonijiet. Madankollu, l-interess dirett jikkostitwixxi kundizzjoni indispensabbli tal-ammissibbiltà ta' appell (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE).

— Nuqqas ta' eżami tal-argumenti u tal-provi rilevanti dwar l-interess dirett

Minkejja li l-konsultazzjonijiet u n-negozjati ċċitati iktar 'il fuq kienu deskritti fir-rikors, il-Qorti Ġenerali injorathom bi ksur tal-prinċipji ta' imparzjalità u ta' oġġettività.

— Nuqqas ta' motivazzjoni

Id-digriet ikkontestat ma jippreċiżax f'hiex tikkonsisti l-"bidla sfavorevoli" tas-sitwazzjoni tal-appellata, li ma ġietx imċaħhda minn benefiċċju finanzjarju, iżda meħlusa mill-obbligu li taqsam il-pagamenti.

L-istess japplika fir-rigward tal-effetti tar-reġistrazzjonijiet speċifiċi inkwistjoni, li n-natura vinkolati tagħhom ma hija spjegata bl-ebda mod.

— Konfużjoni tar-rimedji

Ir-rwol tal-appellata fil-konsorzju kien jikkonċerna t-tħejjija tal-kuntratt. Bħala parti integrali tal-qafas kuntrattwali, dan seta' jkun suġġett għal klawżola ta' arbitraġġ (Artikolu 272 TFUE), iżda mhux għal rikors għal annullament, peress li r-rimedji inkwistjoni jeżistu flimkien b'mod awtonomu.

— Ksur tal-libertà kuntrattwali u tal-prinċipju ta' *consensus*

Min-naħa l-waħda, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata timpenja ruħha mingħajr ma tieħu ċerti miżuri ta' prekawzjoni, min-naħa l-oħra, l-appellata kienet qablet mal-qafas kuntrattwali finali. Għaldaqstant, huwa b'mod żbaljat li l-Qorti Ġenerali teżiġi bażijiet legali, seduti etc. li huma meħtieġa f'każ ta' "sanzjonijiet" u li ma humiex kompatibbli mal-ugwaljanza tal-partijiet kontraenti.

— Klassifikazzjoni żbaljata tar-reġistrazzjonijiet bħala deċiżjonijiet

Ir-reġistrazzjonijiet fl-EWS jikkostitwixxu miżuri ta' ordni interna, li huma miżuri kawtelatorji taħt il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba (Artikolu 27 tar-regolament finanzjarju), li ġew previsti fid-Deċiżjoni 2008/969 bħala regoli interni tal-Kummissjoni (ara l-Artikolu 51 tar-regolament finanzjarju) għal finijiet ta' informazzjoni u ta' użu mill-uffiċjali responsabbli ddelegati kollha ta' din l-istituzzjoni. Barra minn hekk, ir-reġistrazzjonijiet ikkontestati ma għandhomx ikunu konnessi mar-reġistrazzjonijiet li jwasslu għall-esklużjoni tal-proċedura, peress li, f'dan il-każ, il-kuntratt ġie konkluż mal-appellata.

— Dipendenza tal-ammissibbiltà fuq il-fondatezza tar-rikors

Il-Qorti Ġenerali tiġġustifika d-digriet tagħha bin-neċessità li teżamina l-kompetenza tal-Kummissjoni biex tadotta d-Deċiżjoni 2008/969. Madankollu, il-kwistjoni tal-kompetenza tikkonċerna l-fondatezza tar-rikors u ma tistax tiddetermna l-ammissibbiltà tiegħu.